**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Mejju 2020.**

**Rikors nru: 19/2020 AGV;**

**ABC (ID nru: 174284M)**
**Vs**
**DE (ID nru: 386484 M)**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' ABC datat 15 ta' Jannar 2020, fejn ppermetta u talbab is-segwenti;**

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar l-10 ta' Settembru 2011 u miz-zwieg taghhom ma kellhomx ulied;
2. Illi l-parijiet isseperaw definittavment permezz ta' kuntratt in atti tan-nutar Dr Elisa Falzon datat 14 ta' Novembru 2014, kopja hawn annessa u mmarkat bhala Dok . A;

3. Illi skont l-istess kuntratt, precizment klawsola tlieta tal-istess, il-partijiet irrinunzjaw mid-dritt reciproku li jitolbu u jottejnu manteniment ghal xulxin;
4. Illi bejn il-partijiet ma hemm ebda prospett regenevoli ta' rikonciljazzjoni anka ghaliex huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghal ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex ;

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta.
b. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju, u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan tal-ahhar, jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha xieraq u opportun.

**Il-Qorti rat in-nota ta' DE** datata 13 ta' Mejju 2020 fejn qed tiddikjara li mhix topponi ghat-talbiet tal-attur.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

Cettina Gauci
Dep Reg